**22 ta' Frar, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri LL.D.**

Joseph Laferla nomine

*versus*

Salvino Mizzi nomine

**Azzjoni kontra il-Kuruna — "Aid to Industries Board" — Ġurisdizzjoni tal-Qrati — klawsola arbitrali — Arbitraġġ.**

*Fil-leġislazzjonijiet moderni billi kemm jista jkun il-poter Esekutiv jibqa jżomm marġini ta' kontroll fuq ċerti atti tal-privat li jiddependu u huma intimament konnessi mal-amministrazzjoni governattiva, il-kreazzjoni ta' Boards, saret ta' komuni u prattika rikorrenza; u għalkemm f'ċerti każi ġew lilhom konferiti funzjonijiet semi-ġudizzjarji baqgħu dejjem promanazzjoni tal-poter esekuttiv u mhumiex parti tal-organament, tal-Ordni Ġudizzjarju.*

*Għalhekk il-ġurisdizzjoni tagħhom hija neċessarjament limitata skond l-istatut kreativ ta' dak il-Board u dik il-ġurisdizzjoni*

*ma tistax teċċedi dak il-limiti.*

*Il-Qrati tagħna ammettew il-validita' tal-klawsola arbitrali, li tista tiġi stipulata anki bla l-esekuzzjoni ta' obbligazzjonijiet esistenti bejn il-kontraenti tiġi sottratta mill-ġurisdizzjoni tat-Tribunali.*

*Il-Gvern sakemm jikkuntratta mal-privat fl-orbitu tal-amministrazzjoni jista jkun obbligat li jirrispetta dak il-kuntratt anki permezz tal-intervent tat-tribunal ordinarju. Iżda meta il-privat jirrimetta ruħu għad-deċiżjoni ta' Bord kostitwit mill-istess Gvern mhuwiex leċitu li jeżimi ruħu unilateralment minn dana l-obbligu biex jitlob a diskrezzjoni tiegħu l-esekuzzjoni totali jew parzjali tal-obbligi kuntrattwali.*

Il-Qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, billi b'kuntratt tal-31 ta' Marzu, 1960, pubblikat min-Nutar tal-Gvern Victor Miller (Dok. A kif modifikat b'kuntratt ieħor tad-29 ta' Novembru, 1960, pubblikat min-Nutar tal-Gvern Dottor Anthony Attard, il-Gvern ta' Malta in konsiderazzjoni talobbligi assunti fl-imsemmija kuntratti mis-Soċjetà attriċi kien obbliga ruħu li jassistiha finanzjarjament skond l-Ordinanza ta' Emergenza tal-1959 dwar l-Għajnuna lill-Industrji u dana, fost għajnuna oħra, b'għoti ta' grant li ma kellux jeċċedi mija u ħamsa u tmenin elf lira (£185,000) ċioè (a) somma ta' mhux iżjed minn mija u ħamsin elf lira (£150,000) bażata fuq ħamsin fil-mija (50%) ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tar-"replacement value" tal-"plant machinery" u "equipment" li kien imbiegħ u li kien sejjer jinbiegħ lis-Soċjetà attriċi min għand Rigg. Bros. Ltd. ta' Manchester Ingilterra, u importata jew li kellha tiġi importata mis-Soċjetà attriċi għall-użu tal-proġett ta' svilupp f'Malta eserċitata mis-Soċjetà attriċi u relativa għal "production, manufacture and processing of textiles and the

making up of articles, therefrom", b'dana però li ebda parti mill-imsemmija somma ta' £150,000 ma kellha titħallas jekk mhux għal xi plant jew machinery li jidhru fl-Independent Valuation Report li l-Aids to Industries Board kellu jottjeni fl-Ingilterra u li kopja ta' liema rapport il-konvenut obbligu ruħu li jagħti lis-Soċjetà attriċi li żmien tletin (30) ġurnata mid-data ta' l-ewwel kuntratt fuq imsemmi, u (b) somma ta' mhux iżjed minn ħamsa u tletin elf lira (£35,000) ekwivalenti għal ħamsin fil-mija (50%) tal-ispiża inkorsa jew li sejra tiġi inkorsa mis-Soċjetà attriċi beix iġġib f'Malta l-imsemmija plant, machinery u equipment u għall-installation tagħhom f'waħda mill-fabbriki imsemmija fl-Ewwel Skeda annessa mill-imsemmi kuntratt tat-31 ta' Marzu, 1960; u billi sallum is-Soċjetà attriċi irċeviet akkont talimsemmi grant is-somma ta' mija u wieħed u għoxrin elf u tmien liri, dsatax il-xelin u żewġ soldi (£121,008-19-2) u billi fis-16 ta' Novembru, 1962, fl-24 ta' Diċembru, 1962 u fit-12 ta' u fit-13 ta' Frar, 1963, is-Soċjetà attriċi għamlet lill-konvenut erba applikazzjonijiet għall-ħlas tas-somma ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u disgħa u disgħin lira ħdax il-xelin u nofs (£23,299-11-6) ħamest'elef u tlett mija u ħmistax il-lira ħames xelini u ħdax il-sold (£5.315-5-11) tmien telef mitejn u disgħa u sebgħin lira żewġ xelini u nofs (£8,279-2-6) u sitt elef disa mija u erba u għoxrin lira sbatax il-xelin u tliet soldi (£6,7927-17-3) rispettivament; u billi mill-imsemmija erba' applikazzjonijiet il-konvenut ħallas biss is-somma ta' għoxrin elf seba mija u tminja u għoxrin lira tlett xelini u ħames soldi (£20,728-3-5) akkont tal-ewwel applikazzjoni, liema ħlas sar fil-31 ta' Diċembru, 1962, minn dak in-nha sallum il-konvenut mhux biss irrifjuta li jħallas il-bilanċ ta' elfejn ħames mija wieħed u sebgħin lira tmien xelini u sold (£2571.8.1) relativ għall-imsemmija l-ewwel applikazzjoni u l-ammonti tat-tliet applikazzjonijiet l-oħra ċioe' £5,315-5-11, £8,279-2-6, u

£6,927-17-3 b'kollox £23,093-13-9 imma naqas ukoll milli jirriferixxi, kif kien dover tiegħu jagħmel bħala Chairman "ex officio" tal-Aids to Industries Board, l-imsemmija applikazzjonijiet lill-istess Bord nonostante t-talba li saritlu mis-Soċjeta' attriċi bl-ittri tas-27 ta' Marzu, 1963, tas-27 ta' April, 1963, u tad-19 ta' Ġunju, 1963 li kopji tagħhom qed jiġu eżibiti in basi għas-subklawsola (5) tal-klawsola erbgħa (4) tal-kuntratt fuq imsemmi tal-31 ta' Marzu 1960, — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti u deċiż minn dina l-Qorti illi l-erba applikazzjonijiet tas-Soċjeta' attriċi għall-ħlas ta' flus mill-grant magħmula fis-16 ta' Novembru, 1962, fl-24 ta' Diċembru, 1962 u fit-12 u 13 ta' Frar, 1963, jirrigwardaw plant jew machinery jew spejjeż li għar-rigward tagħhom is-Soċjeta' attriċi hija intitolata li tiġi assistita finanzjarjament permezz tal-grant mogħti bil-kuntratt fuq imsemmi tal-31 ta' Marzu, 1960, u (2) in konsegwenza l-konvenut nonmine jiġi ikkundannat iħallas lis-Soċjeta' atttriċi s-somma ta' tlieta u għoxrin elf u tlieta u disgħin lira tlettax il-xelin u disa soldi (£23,093-13-9) kwantu għal £2571.8.1. bilanċ tal-ammont mitlub bl-ewwel applikazzjoni tas-16 ta' November, 1962, u kwantu għal £5315.5.11 £5279.2.6 u £6,927.17.3., għas-saldu tat-tliet applikazzjonijiet l-oħra magħmula fl-24 ta' Diċembru, 1962, 12 ta' Frar, 1963 u 13 ta' Frar, 1963, rispettivament bl-imgħax u bl-ispejjeż komprisi dawk tal-protest tas-26 ta' Diċembru, 1963 u b'riserva ta' kull azzjoni għad-danni lis-Soċjeta' kompetenti skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur noe' u n-nota tax-xiehda tiegħu u d-dokumenti minnu esibiti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine

li biha beda biex qal li dina l-Qorti mhix kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kawża kif proposta mill-attur nomine, billi a tenur tal-klawsola 4 u partikolarment għas-subklawsola 5 tal-kuntratt tal-31 ta' Marzu, 1960 l-attur stess abdika għall-ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti almenu għar-rigward tal-mertu; li subordinatament, fil-meritu, u bla preġudizzju tal-permess il-konvenut nomine m'għandux jagħti lill-attur nomine s-somma mitluba minnu kif jiġi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża; illi kien l-attur li ma ottemperax ruħu mal-kondizzjonijiet tal-kuntratt billi vvjola diversi stipulazzjonijiet, u partikolarment il-klawsola 1(d); 2(c); 4(b); 5(a) tal-kuntratt tal-grant, oltri ċerti obbligi assunti fl-applikazzjoni.

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Li il-konvenut nomine qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti, fuq dak li ġie stipulat fil-klawsola erbgħa (4) u partikolarment fis-subklawsola ħamsa (5) tal-istess klawsola tal-kuntratt riċevut min Nutar Victor Miller fil-31 ta' Marzu, 1960.

Li fil-klawsola erbgħa (4) (1) ġie miftehem li: "The director may, whenever he deems necessary refer any application made by the Company under this deed, whether it be an application for a payment on account or an application for a payment in settlement of the grant, to the Board for the purpose of verifying the application and ascertaining the amount payable to the Company in relation thereto."

Li fis-subklawsola (5) tal-istess klawsola erbgħa (4)

ġja fuq ċitata, ġie espressament konvenut bejn il-partijiet kontraenti "Where the Director has not referred an application for payment under this deed to the Board and the Director witholds payment of any sum not being less than fifty pounds (£50) the Company shall be entitled to refer the dispute to the Board and the decision of the Board shall be final and binding upon both parties"

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut nomine qiegħed jippretendi li l-attur bid-domanda li ġja għamel u li tinsab espressa l-ittri tas-17 ta' Marzu, 27 ta' April, u 19 ta' Ġunju 1963, abdika għall-ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti, billi huwa għażel it-triq kontemplata fis-subklawsola ħamsa ġja fuq riferita, u ssottometta ruħu għad-deċiżjoni tal-"Aids to Industries Board" dwar il-ħlas tal-Kreditu minnu dedott fiċ-ċitazzjoni.

Ikkunsidrat:

Li, fit-trattazjoni ta' dina l-eċċezzjoni, l-attur nomine allega, li l-kliem "Shall be entitled" tal-imsemmija subklawsola, jimplikaw fakulta' fil-kreditur i, nonostante, l-imsemmija għażla, jibqalu id-dritt li jinqedgħa bir-rimedju normali li jġib dina l-pretensjoni tiegħu quddiem it-Tribunali, li jibqgħu dejjem kompetenti li jieħdu konjizzjoni tagħha, sakemm ma jkunx espliċitament irrinunzja għall-ġurisdizzjoni.

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut nomine fit-trattazzjoni tal-kawża għamel enfasi fuq iċ-ċurkustanza li l-attur nomine fil-fatt biss

li f'dawk l-ittri talab li l-vertenza tiġi imresqa quddiem il-Board, huwa "ipso facto" irrinunzja għal dik l-fakulta', u rrimetta ruħu għad-deċizzjoni tal-Board.

Ikkunsidrat:

Li, qabel ma taddentra ruħha fl-eżami ta' dina il-kontroversja, tħoss li għandha tirrileva li fil-leġislazzjonijiet moderni biex kemm jista jkun,n il-Poter Esekutiv jibqa iżomm marġini ta' kontroll fuq ċerti atti tal-privat li jiddependu u huma intimament konnessi mal-amministrazzjoni governativa, il-kreazzjoni ta' dawna l-Boards, saret komuni u prattika rikorrenza; u għalkemm f'ċertu kasi ġew lilhom konferiti funzjonijiet semi-ġiudizzjarji, baqgħu dejjem promanazzjoni tal-poter esekutiv, u mhumiex parti tal-orgament tal-Ordni Ġudizzjarju ċioe' tal-Qrati; u għalhekk il-ġurisdizzjoni tagħhom hija neċessarjament limitata skond l-istatut kreativ ta' dak il-Board u dik il-ġurisdizzjoni ma tistax tgħaddi dak il-limiti għaliex skond kif irriteniet il-Qorti tal-Appell in re "Victor Mifsud vs Ltd. Col. Edward George Carter noe" deċiża fis-16 ta' Ġunju, 1947 (Kollez. XXXIII, 1, 122) tkun qegħda tidħol f'materja mhux tagħha, f'materja ċioe' illi l-kostituzzjoni tal-Istat tirriserva b'ġelosija kbira lit-Tribunali Ordinarji ta' ġurisdizzjoni illimitata; "pero' kompliet tgħid dik il-Qorti, "il-Board, meta jeserċita l-ġurisdizzjoni tiegħu skond il-liġi, jiddeċiedi b' 'mod finali' u għalhekk ma hemmx l-ebda organament ieħor, lanqas il-Qorti tal-Ġustizzja li jkun jista jeżamina dak li għamel il-Board.

Ikkunsidrat:

Li mhemmx kwistjoni li l-"Aids to Industries Board" ikollu dawna il-poteri meta jiġi adit fuq kwistjonijiet li

jidħlu fil-kompetenza tiegħu; u naturalment, talba odjerna, mhux biss tidħol fil-kompetenzi ta' dana l-Board, għaliex huwa kunsidrat bħala l-aħħar awtorita' flimkien mal-Gvernatur għar-rigward ta' kull kwistjoni li tinqala bejn id-Direttur tal-Industrial Development, u l-privat li jkun ġie rikonnoxxut mill-Gvern għal għajnuna finanzjarja kontemplata mill-Aids ta' Industries Emergency Ordinance XXI, tas-sena 1959 (v. Section 3, 21 sa 32 tal-imsemmija Ordinanza) — iżda wisq aktar, dawna l-poteri għandhom jiġu riskontrati fl-istess Board, meta l-partijiet b'klawsola kompromissorja konvenzjonali, jirrimettu ruħhom inkondizzjonatament għad-deċiżjoni finali u vinkolanti tiegħu;

Ikkunsidrat:

Li mill-ispiritu u l-kontest kollu tal-kuntrtatt fuq ċitat, jidher li l-kontraenti riedu kemm jista jkun jittrattaw, barra mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti ordinarji, il-kwistjonijiet kollha li jinsorġu bejnithom fil-kors tal-esekuzzjoni tal-istess kuntratt; tant li ġie miftehem li: "Where in virtue of this clause the Director refers any application to the Board, the decision of the Board shall be final and binding upon both parties" (subklawsola 4 tal-klawsola 4 tal-istess kuntratt) dina l-intenzjoni tal-partijiet li jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni tal-Board tirrikorri insistentemente f'dawk il-klawsoli kollha li jirrigwardaw parti importanti tal-esekuzzjoni tal-kuntratt u tas-sanzjonijiet relativi għall-każi ta' inadempiment u biex wieħed jieħu idea kemm il-partijiet riedu jibqgħu barra mill-orbita ġurisdizzjonali tal-Qrati, waslu biex jiftehmu fil-klawsola ħamsa (5) tal-istess kuntratt, li l-Gvernatur għandhu jiddeċiedi jekk 'The default of the Company in relation to such event is sufficiently serious to warrant the revocation of his appro-

val of the provision of the grant to the Company", liema stipulazzjoni tikkorrispondi mas-sanzjoni kontemplata fis-Sezzjoni 26 tal-istess Ordinanza.

Ikkunsidrat:

Li, a parti l-poteri ordinarji tal-imsemmi Board ġja fuq hilu attribuiti, irriżulta li l-konvenut nomine bl-ittri fuq imsemmija, talab li l-pretensjoni odjerna tiġi imresqa quddiem il-Board, u għalhekk għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk b'dana l-egħmil il-konvenut tilifx id-dritt li jadixxi, kif għamel dina l-Qorti.

Ikkunsidrat:

Li l-Qrati tagħna ammettew il-validita' tal-klawsola arbitrali, li tista tiġi stipulata anki biex l-esekuzzjoni ta' obbligazzjonijiet esistenti bejn il-kontraenti tiġi sottratta mill-ġurisdizzjoni tal-Tribunali, "La condizione che rimette, per volonta' dei contraenti, la decisioni d'ogni loro differenza . . . sottraindola ai tribunanli ordinarii, e' valida (Kollez, XXV, 1, 1071; XXVIII, I, 647, XXXIII, III, 509) u għalhekk la dana l-patt huwa validu, dina l-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex l-attur nomine ma joqgħodx għalih, salvo dak li sejjer jingħad aktar l-isfel dwar il-mod li dana l-patt jista' jiġi inforzat.

Ikkunsidrat:

Li, ġie inoltri ritenut, li la darba l-partijiet irrimettew ruħhom "al giudizio del terzo" id-deċiżjoni tiegħu ssir "legge impreteribile per le medesime" (Kollez, XXIV, 1 414, IX, 53; P.A. in re Muscat vs. Azzopardi, 22 ta' Mejju 1936; u dana l-patt majistax jiġi risolut ħlief bil-kunsens tat-tnejn (Kolleż. XXIX, III, 306).

Ikkunsidrat:

Li mill-atteġġjament kollu tal-konvenut nomine, u b'mod speċjali mill-ittra tiegħu tat-28 ta' Settembru, 1963, u mil-kontroprotest tas-27 ta' Diċembru 1963, jidher li huwa f'ebda mod ma rrinunzja għal-klawsola arbitrali fuq ċitata, anzi huwa ssolleva lanjanzi talment gravi li, skond l-istess ordinanza huwa ta' kompetenza tal-Board u talgvernatur li huma biss f'dawna l-kasi investiti bil-poter ta' deċiżjoni finali; u għandhom jiġu kunsidrati kif igħid Bartolus: "Sicut arbitri qui inter partes judicis assumunt officium".

Ikkunsidrat:

Li mid-definizzjoni awtorevoli ta' dina l-klawsola, riportata fil-Halsbury taħt id-denominazzjoni "arbitration" temerġi l-inappellabilita' tad-deċiżjoni tal-arbitri; infatti "Arbitration" tfisser "an agreement made by two or more parties between whom some difference has arisen or may thereafter arise, whereby, they appoint another person to adjudicate upon such difference and agree to be bound by this decision thereon" (Halsbury Laws Of England) Edit 1931 Vol. 1 paġ. 1621 no. 1071) u jikkonkludi "The award is final and binding on the parties to the submission and the persons claiming under them respectively (ibid. p. 631. 2. no. 1078).

Ikkunsidrat:

Li l-attur jobbjetta li l-għażla li jadixxi l-Board hija fakultativa, u għalhekk jista' jeserċitaha u jista jinjoraha, kif għamel, billi jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu;

Ikkunsidrat:

Li dina l-Qorti ma taqbilx ma d'na l-asserzjoni tal-attur; u hija tal-fehma li, la darba l-għażla ("la scelta") ġiet cserċitata mill-attur, dina issir irretrattabili. Fid-dottrina ġuridika dana l-konċett ġie kważi konkordement affermat, u l-effikaċja immutabili ta' dina l-għażla ġiet amplijata anki għall-kasi fejn issir impliċitament u bil-fatt (V. Giorgi, Obbligazjoni Vol. VI, n. 431, Ricci, Dto. Civ. Vol. VL, n. 140). Digesto Italiano, Obbligazjoni Dto. Civ. No. 206 u 205) u Demolombe jasal sal-pont li jirritejeni li la darba saret l-għażla da parti tad-debitur jew tal-kreditur dina ma tistax tiġi korretta, "perche' l'altro kontraente non potrebbe restare indefinitamente alla merce dello sue irresoluzione e dei suoi capricci "Dto. Civ. Vol. XXVI, i. 51) u wara s-scelta l-obbligazzjoni li tista' issir bħal kas in dezamina, anki unilateralment ma tibqax aktar alternativa, imma issir obbligazzjoni sempliċi; u għalhekk ma jibqax fil-parti li għamel l-għażla ħlief l-obbligu li jġiegħel lill-parti l-oħra li jaddivjeni, b'kwalunkwe mezz, għall-kompromess;

Ikkunsidrat:

Li f'dina l-vertenza jista' jkun hemm interessi li jeċċedu s-sempliċi sfera amministrativa tal-poter pubbliku; li għalhekk, il-Gvern sakemm jikkuntratta mal-privat fl-orbitta tal-amministrazzjoni jista' jkun obbligat li jirrispetta dak il-kuntratt anki permezz tal-intervent tat-tribunal ordinarju (Kollez. XXXI, 1, 398-405) (XXXV, 1, 83) iżda meta l-privat irrimetta ruħu għad-deċiżjoni ta' Bord kostitwit mill-istess Gvern. mhuwiex leċitu li jeżimi ruħu unilateralment minn dana l-obbligu, biex jitlob "aliunde" a diskrezjoni tiegħu l-esekuzjoni totali jew parzjali tal-obbligi kuntrattwali; u b'hekk jinfiċja l-insindakabilita' ta' xi kondizzjonijiet li setgħu ġew inklużi fl-istess

kuntratt in virtu tal-poteri eserċitati mill-istess Gvern "jure imperii" bħal ma hija d-deċiżjoni ta' ċerti kwistjonijiet li ġiet imħollija fil-poter diskrezjonali u indiskuttibbli tal-Gvernatur.

Ikkunsidrat:

Li skond l-Art 1035 (1) (2) tal-Kodiċi Ċivili "Contracts legally entered into have the effect of laws on those who made them; they cannot be revoked unless by mutual consent of the parties or for causes approved by law" u l-art. 1036 igħid "contracts must be performed with good faith and are binding not only for what is expressed in them, but for all consequences which by equity, custom or law, are incidental to each obbligation according to its nature" u għalhekk, l-attur illum ma jistgħax jadixxi dana t-tribunal, iżda għandhu jissottometti ruħu għad-deċiżjoni tal-Board, salva l-kompetenza ta' dina l-Qorti "si et quatenus", fl-eventwalita' li l-istess Board jonqos milli jottempera ruħu ma dak li ġie stipulat il-kuntratt u mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza fuq riferita.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa l-eċċezzjoni tal-inkompetenza mħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni sollevata mill-konvenut nomine, u tiddikjara ruħha għalhekk inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża, u tillibera l-konvenut nomine mill-osservanza tal-ġudizzju; l-ispejjeż, stanti l-kwistjonijiet legali involuti jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-kontendenti, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attur nomine.